MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 428/2007

**Il-Pulizija**
**(Maggur Noel Scicluna)**
**Vs**

**Charles Polidano**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta fil-31 t'Ottubru, 1997,

1. hu temm l-impjieg ta' Satya Pal Bindra minhabba nuqqas ta' xoghol, hu naqas li jaghtih gimghatejn avviz ta' temm ta' l-impjieg, jew kumpens fl-ammont ta' LM384.61;
2. naqas ukoll li jaghti lill-istess Satya Pal Bindra l-vaganzi bil-hlas dovuti lilu bili baqghalu jinghata 32 jum vaganzi, u naqas li jikkumpensah ta' dawn fl-ammont ta' LM 1230.77.
3. Naqas li jhallas jew jara li jithallas bonus u allowance tal-gimgha lill-istess Satya Pal Bindra fl-ammonti rispettivi ta' LM 135.38 u LM 122.00.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Novembru, 2007, li biha, wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ghal dik is-seduta ma gew ingunti ebda xhieda tal-prosekuzzjoni, anzi oltre dan lanqas hadu l-izbriga li jtellghu xi provi ohra, l-Qorti laqghet it-talba tad-difiza ghal liberatorja w konsegwentement illiberat lill-appellat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-10 ta' Dicembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fl-udjenza tal-lum l-appellat, permezz tad-difensur tieghu, eccepixxa n-nullita' tal-appell stante li l-fatti ma jirreferux ghall-mertu tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi huwa minnu li l-fatti esposti mill-appellant b'mod dettaljat u ezawrjenti jirreferu ghall-"iter" procedurali tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti w ma jirriferux ghall-fatti tal-kaz. Pero', f'dan l-appell l-uniku mertu hu l-irregolarita' o meno tal-procedura addottata mill-Ewwel Qorti w ghalhekk il-fatti tal-kaz *"ut sic"* mhumiex rilevanti w bl-ebda mod ma jistghu jghinu lil din il-Qorti fid-dterminazzjoni tal-vertenza li ghandha quddiema.

Invece, l-fatti esposti fir-rikors tal-appell huma altru milli ezawrjenti w dettaljati fir-rigward tal-aggravju mressaq mill-Avukat Generali w ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, jissodisfaw pjenament il-vot tal-Ligi.

Ghalhekk din il-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

Qieset ukoll it-tieni eccezzjoni tal-appellat fis-sens li, subordinatament, l-aggravju tal-appellant m'ghandux bazi legali, liema eccezzjoni hija pero' wahda fil-mertu tal-appell u ser trattataha bil-mod infraskritt.

Rat illi

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat,

Illi l-fatti li taw lok ghas-sentenza appellata kienu s-segwenti:- Din il-kawza, suppost sommarja, bdiet f' Ottubru, 1998, izda ghal bosta ragunijiet twalet u ttawlet bla bzonn. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2004, l-avukat difensur tal-appellat kien eccepixxa l-inkompetenxza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fis-Seduta tal-20 ta' Lulju, 2004, il-Prosekuzzjoni talbet li taghmel nota. Din it-talba giet milqugha w l-kawza giet differita ghas-26 t' Ottubru, 2004. Dak in-nhar il-kawza giet differita ghall-25 ta' Jannar, 2005, ghas-sottomissjonijiet verbali. Bejn din id-data u t-13 ta' Marzu, 2007, ma sar xejn, principalment minnhabba li l-appellat ma deherx. Fit-13 ta' Marzu, 2007, ghalkemm deher l-appellat, ma setax jidher id-difensur tieghu ghax kien okkupat f' guri. Il-kawza regghet giet differita ghal darbtejn ohra w fl-24 ta' Lulju, 2007, il-partijiet qablu li ***"qabel il-Qorti tkompli tisma l-kawza, jigi deciz il-punt imressaq mill-Avukat Difensur"*** . Il-kawza giet differita ghall-25 ta' Settembru, 2007, ghall-provvediment. Dak in-nhar il-Qorti laqghet talba tat-difiza ghal differiment u ddifferiet il-kawza ghall-20 ta' Novembru, 2007.

F' din l-ahhar data il-Qorti, din id-darba fil-prezenza tal-partijiet kollha, hadet konjizzjoni tan-nota imressqa mill-prosekuzzjoni u qablet maghha u ordnat il-prosegwiment tal-kawza *seduta stante*, w dan minkejja li l-ufficjal prosekutur kien iddikjara li ghal dik is-seduta ma kienx harrek ix-xhieda. Hawn id-difensur ivverbalizza li ladarba l-parte civile ma deheritx ghal dik is-seduta dan kien juri li m'ghandhiex interess u talab il-liberatorja.

L-Ewwel Qorti , minkejja li din kienet kawza li kienet qed titmexxa mill-prosekuzzjoni *ex officio* , xorta wahda qabdet u ghaddiet ghas-sentenza fejn illiberat lill-appellat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat;

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs Clive Debono"** [14.9.2004] f' l-ewwel lok irid jigi osservat li l-imputat u d-difiza tieghu ma kellha ebda dritt li titlob "il-liberatorja" (Sic!) ghaliex dan hu koncett legali w terminu li hu applikabbli biss fil-kompetenza civili. Kif gie min din il-Qorti ritenut fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Adrian Previ"** [5.6.2003] u sentenzi ohra, din il-forma ritwalistika w dicitura nsibuha fil-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) u hi applikabbli biss ghall-proceduri quddiem il-Qrati ta' kompetenza civili bl-artikoli 199 (2)(3) u 200 tal-Kap.12 u hija procedura ghal kollox aljena w estraneja ghal dik applikabbli fil-proceduri kriminali. Di fatti, ma jirrizulta minn imkien li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-Kap.12 huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bhal kif huma rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali dawk l-artikoli tal-Kap.12 elenkati fl-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali li jirrigwardaw materja ta' xiehda w provi , per ezempju .

Illi mbaghad gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti li jekk xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem il-Qorti, jonqos li jaghmel hekk, sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza imma ghandha rimedji ohra. Altrimenti l-kawzi w l-ezitu taghhom jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le. (ara **"Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri"** App. Krim. [5.1.1996] ). Mhux biss izda talli meta jirrizulta li dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni (kif kien fil-kaz odjern), il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif provvdut fl-artikolu 441 (4) tal-Kodici Kriminali. Jekk dan ma jsirx, l-Avukat Generali ikollu d-dritt ta' appell

skond l-artikolu 413 (1) (b) (vi). (ara ”**Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**” App. Krim. 25.7.1994). F’ sitwazzjoni simili, l-Qorti ma tistax tibqa’ ghaddejja qiesu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghall-ammenda w, kemm il-darba il-Qorti ma tkunx tal-fehma (li ma kienetx fil-kaz odjern) li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, l-Qorti ghandha ukoll tordna li dak ix-xhud jingieb b’ mandat t’ akkumpanjament jew b’ mandat t’ arrest (art. 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.) Anqas ma huwa argument validu dak li jigi ta’ spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri w cioe’ li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-Qorti ghandha tibqa’ ghaddejja u kif jigri ta’ spiss, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet : il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/ kwerrelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu tal-kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-depozizzjoni tieghu. (ara **“Il-Pulizija vs. Pierre Schembri**” App. Krim. [8.1.1996]).

Issa huwa minnu li f' dan il-kaz ix-xhieda ma gewx ingunti biex jidhru ghal dik is-seduta, pero' il-Prosekutur kien pjenament gustifikat li jaghmel dan meta l-kawza kienet differita proprju ghal-provvediment dwar l-eccezzjoni tal-imkompretenza tal-Qorti. Kieku l-Ewwel Qorti dak in-nhar laqghet l-eccezzjoni tal-inkompetenza, l-kawza kienet tieqaf hemm u x-xhieda kienu jkunu gew ingunt bla bzonn. Meta wiehed iqis il-pass tac-comb li bih imxiet - jew ahjar ma imxietx - din il-kawza, din il-Qorti ma tarax li kien ser isir xi haga straordinarja kieku l-Ewwel Qorti akkordat l-ahhar differiment ghall-provi fic-cirkostanzi specjali tal-kaz.

Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenzi taghha fil-kawzi “**Il-Pulizija vs. Clive Debono**” [14.9.2004], **“Il-Pulizija vs. Anne Montfort”** [30.9.2004] u **“Il-Pulizija vs. Kevin Debono”** [1.6.2006] kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t’incident u ccitat b’ approvazzjoni s-sentenzii ta’ din il-Qorti diversament preseduta: “**Il-Pulizija vs. Mario Saliba**

[15.10.1982];; “**Il-Pulizija vs. Mario Magri”** [28.5.1993]; “**Il-Pulizija vs. Francis Callus**” [30.9.1993]; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zarb”** [22.10.1993]; “**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et**.” [3.12.1993] u **“l-Pulizija vs. Francis Borg.”** [10.12.1993].

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali w li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413 (1) (b) (vi) tal-Kodici Kriminali, li proprju jaghti dritt t’ appell lill-Avukat Generali f’ kazijiet analogi.

Din il-Qorti tifhem u tapprezza s-sens ta’ frustrazzjoni li jista’ jkollha l-Ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza ta’ xi partijiet, xhieda, avukati jew prosekuturi, ma tkunx tista’ twetttaq il-programm ta’ xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Tifhem ukoll li forsi l-Ewwel Qorti tkun trid taghti lezzjoni w messagg lill-Prosekuzzjoni biex ghall-futur tiehu hsieb li tara li x-xhieda taghha ma jonqsux milli jidhru biex jiddeponu quddiemha fil-jum stabbilit ghas-smiegh tal-kawza. Imma fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, u fic-cirkostanzi partikolari ta' kif zvolga l-*iter* tal-process f' dan il-kaz, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata.

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tiddikjara s-sentenza appellata nulla w bla effett w, biex ma jcahhadx lill-appellant u l-appellat mill-beneficcju tad-“*doppio esame”,* qed tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga’ jinstema w jigi deciz mill-gdid skond il-ligi wara li jinstemghu x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza, bla aktar indugju w dewmien bla bzonn .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------